MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-20 ta' Lulju, 2005

Appell Kriminali Numru. 276/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

**Peter Paul Bellizzi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Peter Paul Bellizzi talli fis-6 ta' Ottubru 2004, u fil-granet ta' qabel f'B'kara, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita` tieghu innifsu lil xi hadd ihallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkel lil Nathalie Bellizzi fil-pussess ta' hwejjigha billi sakkar l-antiporta tal-bieb ta' barra tal-fond matrimonjali 15C, Fleur De Lys Junction B'kara;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta'l-1 ta' Dicembru 2004, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Peter Paul Bellizzi hati ta' l-imputazzjoni dedotta u lliberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur mid-data ta' dik is-sentenza;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Peter Paul Bellizzi pprezentat fid-9 ta' Dicembru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minflok minn kull imputazzjoni w htija;
Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Ir-reat addebitat lill-appellant huwa dak ta' *ragion fattasi* taht l-artikolu 85 tal-Kap. 9. L-elementi kostituttivi ta' dan ir-reat huma, kif gie diversi drabi ritenut fil-gurisprudenza taghna[1]:

"(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-hadd iehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta' Frar, 1995; Il-Puliziia v. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll

[1] Ara, fost ohrajn, Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Mario Lungaro**, 15 ta' Novembru 1996.

Falzon, G., **Annotazioni alle Leggi Criminali** (Malta), 1872, p. 123). Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ***ragion fattasi*** jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ***ragion fattasi*** jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".

L-aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens li mill-provi prodotti ma kellhiex tirrizulta l-htija peress illi huwa ma biddel ebda cavetta jew serratura u kollox baqa' kif kien. Kulma ghamel, jghid l-appellant fir-rikors ta' appell tieghu, kien li, kif ragonevolment kulhadd huwa intitolat li jaghmel, huwa li biex ikun jista' jorqod mohhu mistrieh li ma jidhol hadd fuqu u fuq it-tfal, u biex ikun jista' jhalli d-dar minghajr biza' li jirritorna u jsib l-oggetti tieghu mbaghbsa jew neqsin, beda jaghlaq l-antiporta. Huwa ma bidilx is-serratura, u l-mara tieghu, anke jekk marret toqghod f'dar ohra, baqghet tista' tuza c-cavetta taghha biex tidhol fid-dar ta' B'kara. L-appellant isostni li ma naqqas ebda drittijiet ta' martu u semplicement uza l-mezzi ga` ezistenti sabiex jipprotegi hwejgu u d-dar fil-hin meta ma jkun hemm hadd fiha.

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Raymond Pace** deciz fl-1 ta' Dicembru 2000, din il-Qorti diversament presjeduta esprimiet ruhha hekk dwar il-pozizzjoni tad-dar matrimonjali:

"Ghar-risoluzzjoni ta' dan il-kaz, wiehed irid jara x'inhi ezattament il-pozizzjoni tad-dar matrimonjali ghal dak li jirrigwarda t-tgawdija taghha mill-konjugi. Fil-fehma tal-Qorti, meta l-konjugi jistabilixxu d-dar matrimonjali skond l-Artikolu 3A tal-Kodici Civili, huma jkollhom dritt ta' tgawdija ugwali ta' l-imsemmija dar; huma ghandhom jitqiesu bhala 'ko-pussessuri' tad-dar matrimonjali indipendentement minn jekk id-dar tkunx tappartjeni, cioe` bhala proprjeta`, kollha kemm hi jew sehem minnha lil parti wahda mill-mizzewgin (ara s-subartikolu (2) tal-Artikolu 3A imsemmi). Bhala ko-pussessuri, kull wiehed

mill-konjugi ghandu dritt jaghmel uzu ragjonevoli mid-dar b'mod li ma jipprivax lill-parti l-ohra mit-tgawdija ragjonevoli tal-istess dar (ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tas-7 ta' Jannar, 1998 fl-ismijijet **Il-Pulizija v. Georgina Gauci** li ghaliha ghamlu referenza kemm l-appellant kif ukoll l-Avukat Generali). Il-konjugi jibqghu hekk ko-pussessuri anke jekk parti minnhom, fil-pendenza ta' kawza ta' separazzjoni, titlaq mid-dar matrimonjali, sakemm ma jkunx hemm ordni ta' qorti kompetenti li tiddetermina min mill-konjugi ghandu jibqa', *pendente lite*, f'dik id-dar ad eskluzjoni tal-parti l-ohra (Artikolu 46, Kap. 16). Kieku kien mod iehor, cioe` kieku l-parti li thalli d-dar matrimonjali *pendente lite* titlef id-dritt taghha ta' tgawdija tad-dar u d-dritt li x'hin trid terga' tidhol f'dik id-dar, anke jekk temporanjament, tigi nieqsa incentiva kbira ghar-rikonciljazzjoni bejn il-partijiet; u, kif inhu risaput, il-ligi tiffavorixxi r-rikoncjiljazzjoni (ara l-Artikoli 37(2), 42(1) u 58(1) tal-Kap. 16). Ma huwiex korrett l-appellant meta jikkontendi li ghax martu abbandunat id-dar matrimonjali hi 'ddekadiet mid-dritt ta' l-uzu u l-pussess tad-dar'. Id-dekadenza li tikkommina l-ligi meta parti fiz-zwieg titlaq mid-dar matrimonjali hija fir-rigward tad-dritt ghall-manteniment mill-parti l-ohra, u dana biss kemm-il darba l-parti li tkun telqet mid-dar tirrifjuta minghajr raguni valida li tirritorna lura f'dik id-dar (Artikolu 6, Kap.16). Ghalhekk, meta fil-pendenza ta' kawza ta' separazzjoni parti fiz-zwieg thalli d-dar matrimonjali - u salv dejjem sakemm ma jkunx hemm ordni tal-qorti kompetenti skond it-tieni parti tal-Artikolu 46 imsemmi - il-parti l-ohra ma tista' taghmel xejn intiz sabiex jimpediha milli jkollha access liberu ghad-dar matrimonjali. Veru li l-parti li tkun halliet id-dar matrimonjali ma jkollhiex il-pussess 'materjali' tad-dar u tal-oggetti fid-dar, izda jkollha dejjem il-pussess 'legali'. S'intendi, dan ma jfissirx li min jibqa' fid-dar matrimonjali ma jistax jiehu dawk il-prekawzjonijiet ragjonevoli sabiex jassigura, per ezempju, li terzi persuni li ma ghandhomx dritt jidhlu fid-dar ma jidhlux. Tali prekawzjonijiet ragjonevoli jistghu jkunu jirrikjedu t-tibdil tac-cavetta tal-bieb ta' barra; pero` jekk isir hekk irid jigi assigurat mill-banda l-ohra li l-parti li tkun halliet id-dar matrimonjali jkollha l-possibilita` li tidhol fid-dar x'hin trid, u, jekk tkun trid, anke li tibqa' f'dik id-dar".

Issa, fil-kaz in ezami, jirrizulta li dak li ghamel l-appellant kien mhux li biddel xi serratura izda li beda jaghlaq l-antiporta bic-cavetta u martu Nathalie Bellizzi ma kellhiex kopja ta' dik ic-cavetta. Ghalhekk meta marret biex tidhol, bhalma solitament kienet taghmel, sabet li ma setghetx u rrapportat dan il-fatt lill-Pulizija li inizjaw il-proceduri odjerni kontra l-appellant.

L-appellant xehed li huwa beda jsakkar l-antiporta peress illi beda jsib xi affarijiet neqsin. Huwa semma' somma ta' Lm340 li kienu tat-tfal, corners antiki, inkwatri u affarijiet tal-majolika, kif ukoll cekk tac-*children's allowance* u kont tat-telefon.

Da parti taghha Nathalie Bellizzi kkonfermat li hadet il-flus tat-tfal izda dan kien meta talbuha u qeghdin ghandha. Hija baqghet tmur fid-dar konjugali ghall-bzonnijiet tat-tfal. Xehdet ukoll li l-ghada li sabet l-antiporta msakkra cemplet lill-appellant biex titolbu jiftah l-antiporta u hu wegibha: "Il-bieb ma nifthux. Inti tlaqt. Kienet l-ghazla tieghek." L-appellant ma cahadx li qal dan id-diskors.

Kieku verament l-appellant beza' li martu ser toqghod iggorr affarijiet mid-dar konjugali li ma kellhiex iggorr, jew li b'xi mod kienet ser tippregudika l-posizzjoni tieghu fir-rigward tal-komunjoni ta' l-akkwisti, huwa kellu l-mezzi skond il-ligi biex jikkawtela d-drittijiet tieghu minghajr ma necessarjament ifixkel lil martu fil-pussess tad-dar konjugali[2]. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-agir ta' l-appellant jinkwadra ruhu perfettament fir-reat ta' *ragion fattasi* ghax, bhala wiehed mill-konjugi li kellu access ghad-dar konjugali hass li kellu dritt li jimpedixxi l-access liberu ghall-istess dar lil martu u b'hekk naqqsilha, sija pure temporanejament, id-dritt taghha minnu rikonoxxut li taccedi fl-istess dar u li johrog mill-artikolu 3A tal-Kodici Civili, dritt li jispicca biss bl-operat ta' decizjoni tal-Qorti (artikoli 37 u 55A tal-Kodici Civili) u assuma b'idejh mansjoni li l-ligi tirrizerva ghall-Qrati fl-artikoli fuq citati.

[2] Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Kevin D'Agostino**, 21 ta' Novembru 2003.

Kuntrarjament ghal dak li qed isostni l-appellant, jezistu l-elementi kollha tar-reat in dizamina. Bizzejjed hawn li ssir referenza ghal dak li qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Vancell** deciz fl-10 ta' Marzu 2005:

"Il-fatt imbaghad li hu ko-proprjetarju tal-fond in kwistjoni xorta wahda ma jaghtihx id-dritt li anki temporanejament jostakola lil martu milli tidhol fid-dar taz-zwieg. Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija v. Salvina k/a Silvia Incorvaja [25.7.1994], fejn ukoll si trattava ta' konjugi li qaflet lil zewgha barra mid-dar taz-zwieg, meta cahdet l-appell tal-imputata:

'L-artikolu 85 … hu mhux intiz biex jipprotegi l-proprjeta`, mobbli jew immobbli, ta' dak li jkun izda biex jipprevjeni l-uzurpazzjoni mill-privat tas-setghat tal-awtorita` pubblika

(Ara ukoll f'dan is-sens l-Appell Kriminali: "Il-Pulizija v. Carmelo Galea" [4.11.2002]).

Illi hu ovvju ukoll li l-appellant kellu jkun konsapevoli mid-dissens u oppozizzjoni prezunta tal-konjugi tal-appellant, Wilma Vancell, liema dissens gie muri minnufih malli ndunat li ma setghetx tidhol u li sahansitra wassalha biex titlob lill-Pulizija tintervjeni dak il-hin stess. Dan id-dissens l-appellant kellu kull dmir li jifhem u li jipprezumieh u jmissu haseb li jekk martu tinzerta tigi biex tidhol dak il-hin, hi ser tkun impeduta milli taghmel dan …. Jirrizulta wkoll l-element li dak li kien qed jaghmel ghamlu ghax hass li kien qed jaghmlu bi dritt u difatti ghadu jsostni dan sallum sahanistra f'din il-kawza… strettament bl-eghluq bil-firroll hu gie uzurpa funzjoni li hija rizervata biss lill-Qorti u cioe` dik li tordna lil wiehed mill-konjugi la ma jkollux access ghad-dar konjugali. Il-fatt li dan l-impediment kien wiehed temporaneju, jista' ghall-massimu jigi rifless - kif ser jigi rifless - fil-piena li ghandha tkun proporzjonata man-natura tar-reat dedott."

Dak li ntqal fil-bran appena riportat japplika *mutatis mutandis* ghall-kaz odjern. Konsegwentement l-ewwel Qorti kienet pjenament gustifikata li ssib lill-appellant hati tar-reat ta' *ragion fattasi*.

Kwantu ghall-piena, jirrizulta li s-sitwazzjoni li minnha lmentat mart l-appellant ma pperduratx in vista ta' decizjoni li ttiehdet mill-Qorti tal-Familja. Jidher li l-ewwel Qorti ngabet a konoxxenza ta' dan peress illi hija ddecidiet li ma timponix piena fuq l-appellant izda li tilliberah kondizzjonatament a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 446 ghal perijodu ta' tliet xhur. Ghalhekk din il-Qorti ma tara l-ebda raguni impellenti biex tvarja tali decizjoni.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li l-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata jibda jiddekorri millum.

Din il-Qorti spjegat lill-appellant skond il-ligi r-responsabbilta` tieghu a tenur ta' l-imsemmi artikolu 22 tal-Kap. 446 kemm-il darba jikkommetti reat iehor matul it-terminu ta' liberazzjoni kondizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------